VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,772, 5 ta' Mejju, 2017

Taqsima B

A.L. 136 tal-2017

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI ĊIVILI (KAP. 411)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni Ċivili (Dixxiplina u Assoċjazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7 u 8(5) tal-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili, il-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni Ċivili (Dixxiplina u Assoċjazzjoni), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni Ċivili (Dixxiplina u Assoċjazzjoni), hawn iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 411.01

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafu (ċ) tas-sub-regolament (4) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) jiddedikaw il-ħin kollu tagħhom għas-servizz tad-Dipartiment u m'għandhomx jagħmlu xogħol ieħor, kemm-il darba ma jkunx inkiseb permess bil-quddiem u bil-miktub mingħand id-Direttur;".